# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 21**

**Rikors numru 515/2019/2 TA**

**Kevin Camilleri**

**v.**

**Malta Dairy Products Limited (C-7833)**

1. B'rikors tal-11 ta' Jannar 2023 l-appellant Kevin Cutajar talab li jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament skont l-artikolu 904 tal-Kap. 12 għal dak li jirrigwarda l-għoti tal-garanżija fir-rigward tal-appell li ppreżenta fid-29 ta' Marzu 2022 mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-1 ta' Marzu 2022.

2. Hu jispjega illi ma din il-kawża hemm kawża oħra konnessa li kienu mexjin flimkien bin-numru 669/2019/1 u li minnha wkoll ressaq appell.

Jgħid li ssellef l-ammont ta' €9,200 biex iħallas il-kawtela ta' din l-aħħar kawża msemmija imma ma għandux il-mezzi biex iħallas il-kawtela ta' dan l-appell li jammonta għal €10,942. Hu esebixxa l-kontijiet bankarji tiegħu li kollha juru bilanċ fin-negattiv. Jgħid ukoll li għandu l-*probabilis causa litigandi* meħtieġa skont l-Artikolu 904.

3. Is-soċjetà appellata Malta Dairy Products Limited tissottometti fl-ewwel lok illi t-talba ma tistax tintlaqa' proċeduralment.

4. Hi ssostni li fit-28 ta' Novembru 2022 il-Qorti tal-Appell ħarget digriet fejn tat lill-appellant tletin jum biex jirregola l-pożizzjoni tiegħu dwar il-ħlas tal-kawtela billi r-riferta għall-avviż tal-ħlas tal-istess kawtela kien negattiv, u fin-nuqqas il-Qorti kienet ser titfa' l-appell *sine die.* Minkejja li t-tletin jum skadew fit-28 ta' Diċembru 2023 ma kien sar xejn u għalhekk qed jiġi sottomess li sar *fuori termini.*

5. Din il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm id-digriet tat-28 ta' Novembru 2022 jgħid li l-appell imur *sine die* jekk l-appellant ma jottemperax ruħu fi żmien tletin jum mid-data tad-digriet, ma ngħata ebda digriet formali minn din il-Qorti li l-appell fil-fatt mar *sine die.* Pero f'kull kaz l-appellant xorta kien ikollu l-opportunità li jressaq dan ir-rikors wara talba għal riappuntament tal-appell. Għalhekk ma hemm ebda utilità għal din l-eċċezzjoni.

6. In kwantu għal mertu tat-talba nfisha s-soċjetà appellata tgħid li dan hu mezz ta' dilungar biex l-appellant ma jonorax il-ħlas tad-debitu mertu ta' din is-sentenza konnessa mal-kawza 669/2019/1. B'żieda ma' dan tgħid ukoll illi hemm kawża oħra kontra l-appellant bin-numru 496/2016 fuq kreditu kbir ieħor dovut lis-soċjetà appellata li wkoll l-appellant odjern qed jipprova jtawwal għalkemm issa hija deċiża però sar appell minnha.

7. Il-Qorti tqis illi wieħed mill-elementi għas-suċċess tat-talba hi n-nuqqas ta' mezzi tal-appellant biex iħallas il-garanzija għall-ispejjeż liema verifika hi waħda oġġettiva. Jirriżulta illi l-appellant ma għandux assi biex iħallas kawtela ta' €10,000 wara li hu ġia ħallas kawtela ta' 'l fuq minn €9,000 f'appell ieħor konness, li rnexxielu jħallashom wara li ssellef din is-somma. Għalhekk il-Qorti hi sodisfatta li jirriżulta dan l-element tan-nuqqas ta' mezzi.

8. Rigward l-element l-ieħor tal-*probabilis causa litigandi,* din il-kawża tirrigwarda ħlas ta' debitu kostitwit b'att pubbliku. Għalkemm l-Ewwel Qorti waslet għal konkluzjoni li l-ftehim kien ċar rigward il-modalità tal-ħlas u ż-żieda fir-rata tal-imgħax jekk id-debitur jonqos milli jħallas il-pagamenti rateali, l-appellant mhux qed jaqbel li din hi interpretazzjoni ġusta tar-rieda tal-partijiet. Ma' dan l-aggravju tal-appell għamel aggravji oħra konnessi mal-effetti eżekuttivi tal-ittra uffiċjali 997/16 mibgħuta mis-

soċjetà appellata kif ukoll aggravju dwar kif inqasmu l-ispejjeż. Għalkemm mhux jingħad li l-appellant għandu raġuni fl-aggravji però jistħoqqilhom *prima facie* jiġu kunsidrati biex il-Qorti tkun f'pożizzjoni taċċerta ruħha mill-konsiderazzjonijiet fattwali u legali li wasslu l-Ewwel Qorti għas-sentenza tagħha.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-appellant sabiex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament għall-finijiet tal-Artikolu 904 tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr